LINJA GWIDA (UE) 2026/689 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-22 ta' Jannar 2026

li temenda l-Linja Gwida (UE) 2015/510 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60) *(BĊE/2026/1)*

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2), l-ewwel inċiż, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 3.1, l-ewwel inċiż, l-Artikoli 9.2, 12.1, 14.3 u 18.2, u l-Artikolu 20, l-ewwel paragrafu,

Filwaqt li:

(1) Il-kisba ta' politika monetarja waħdanija tinvolvi d-definizzjoni tal-għodod, l-istrumenti u l-proċeduri li għandhom jintużaw mill-Eurosistema, li tikkonsisti fil-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (iktar 'il quddiem il-"BĊNi"), sabiex dik il-politika tiġi implimentata b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro.

(2) Fid-29 ta' Novembru 2024, il-Kunsill Governattiv iddeċieda dwar ċerti miżuri mmirati lejn it-trawwim ta' armonizzazzjoni akbar tal-qafas tal-kollateral tal-Eurosistema. L-ewwelnett, ċerti tipi ta'assi aċċettati taħt il-qafas temporanju għandhom jiġu integrati fil-qafas kollaterali ġenerali, temporanji, jiġifieri (a) assi negozjabbli ddenominati f'dollari Amerikani, liri sterlini u yen Ġappuniż; u (b) titoli ggarantiti b'assi bit-tieni l-aħjar klassifikazzjoni tal-iskala 3 tal-kwalità tal-kreditu fuq l-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema u li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà stipulati fil-qafas kollaterali temporanju. It-tieni, is-sistemi statistiċi ta' valutazzjoni tal-kreditu interni tal-BĊNi (S-ICASs) għandhom jiġu aċċettati bħala sors ta' valutazzjoni tal-kreditu flimkien mas-sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu interni (ICASs) tal-BĊNi li bħalissa huma aċċettati, u konsegwentement dawn tal-aħħar għandhom ikunu magħrufa bħala "sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu interni sħaħ" (F-ICASs), biex jiddistingwuhom minn S-ICASs. It-tielet, fir-rigward tal-proċedura biex jiġu aċċettati l-S-ICASs bħala t-tielet sors ta' valutazzjoni tal-kreditu tal-kontroparti, huwa xieraq li jitneħħa r-rekwiżit għas-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni motivata appoġġata minn argument adegwat għall-vijabbiltà sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tal-S-ICASs. Fl-aħħar nett, il-Kunsill Governattiv iddeċieda wkoll li l-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn sostnuti minn ipoteki bl-imnut (RMBDs) u strumenti ta' dejn mhux negozjabbli sostnuti minn pretensjonijiet ta' kreditu eliġibbli (DECCs) bħala kollateral għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema għandha titwaqqaf minħabba użu storiku limitat u domanda baxxa, sabiex jiġi ssimplifikat il-qafas kollaterali tal-Eurosistema.

(3) Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni fir-rigward tal-użu tal-mudelli ta' rapportar tad-data tal-livell ta' self tal-BĊE u t-tneħħija gradwali tal-proċess ta' dożinjazzjoni tal-Eurosistema għar-repożitorji tad-data tal-livell ta' self, kif deċiż mill-Kunsill Governattiv fit-22 ta' Marzu 2019, huma meħtieġa emendi konsegwenzjali għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

(4) Fir-rigward tal-kriterji ta' eliġibbiltà applikati għal titoli sostnuti minn assi bħala kollateral eliġibbli għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, huwa meħtieġ irfinar ulterjuri biex jiġu esklużi b'mod espliċitu titoli ggarantiti b'assi fejn l-emittent ta' dawk it-titoli huwa soġġett għal riskju ta' valur residwu.

(5) Għat-trattament ta' entitajiet li għalihom ġiet adottata skema ta' riżoluzzjoni bbażata fuq strateġija ta' riżoluzzjoni bankarja miftuħa, hija meħtieġa kjarifika tal-qafas tal-kontroparti tal-Eurosistema sabiex jiġu riflessi l-proċessi u l-iskadenzi applikabbli meta tiġi vvalutata s-soliditá finanzjarja.

(6) Kjarifika ulterjuri hija pprovduta fir-rigward tal-valutazzjoni tas-soliditá finanzjarja ta' kontroparti fil-każ ta' miżuri diskrezzjonarji meħuda mill-Eurosistema għal raġunijiet ta' prudenza.

(7) Il-kriterji ta' eliġibbiltà applikati għall-kupuni varjabbli li huma marbuta ma' rata ta' referenza tal-indiċi tal-inflazzjoni jeħtieġ li jiġu definiti permezz ta' dispożizzjonijiet speċifiċi li jiddistingwuhom minn dawk li japplikaw għal strumenti b'kupuni varjabbli oħra u jipprovdu aktar ċarezza.

(8) Jeħtieġ li jiġi ċċarat li l-kriterji ta' eliġibbiltà dwar il-forma tal-ħruġ ta' strumenti ta' dejn internazzjonali għandhom japplikaw biss għal strumenti ta' dejn internazzjonali li huma maħruġa permezz ta' depożitarji ċentrali tat-titoli internazzjonali (ICSDs) f'forma ta' nota globali u rrappreżentati b'ċertifikat fiżiku (karta) jew b'kopja elettronika (diġitali) ta' nota karta globali. Madanakollu, għal strumenti ta' dejn maħruġa permezz ta' ICSDs f'forma totalment dematerjalizzata l-Eurosistema għandha tirriżerva d-dritt li tivverifika li tali strumenti (a) ma jagħtux lok għal riskji materjali li jistgħu jaffetwaw d-drittijiet tal-Eurosistema bħala detentur tal-kollateral u (b) huma kkostitwiti b'mod validu taħt il-liġi li tirregolahom, irrispettivament mit-teknoloġija li tappoġġa l-ħruġ tagħhom.

(9) Il-kriterji ta' eliġibbiltà applikati għall-pretensjonijiet ta' kreditu bħala kollateral eliġibbli għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema għandhom jiġu ċċarati billi jiġu eskluż b'mod espliċitu l-pretensjonijiet ta' kreditu mhux produttivi, sabiex jiġi żgurat li l-Eurosistema tkun protetta mir-riskji li jippreżentaw u li jiġi aċċettat biss kollateral adegwat għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema.

(10) Minħabba l-varjazzjonijiet kbar fl-għadd, fil-valur u fit-tipi ta' assi, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li jistgħu jkunu involuti f'okkażjoni ta' nuqqas ta' konformità, jeħtieġ li jsiru aġġustamenti biex tkun permessa applikazzjoni aktar effiċjenti u flessibbli ta' penali finanzjarji u mhux finanzjarji imposti fuq kontropartijiet li jonqsu milli jikkonformaw ma' ċerti regoli fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja.

(11) Fit-23 ta' Lulju 2025, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jintroduċi "fattur klimatiku" fil-qafas kollaterali tal-Eurosistema. L-Eurosistema twettaq operazzjonijiet ta' kreditu ma' kontropartijiet eliġibbli biex tilħaq l-objettiv primarju tagħha ta' stabbiltà tal-prezzijiet, li huwa definit mill-Kunsill Governattiv bħala mira simetrika ta' inflazzjoni ta' 2 % fuq terminu medju. Skont l-Artikolu 18.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, dawn l-operazzjonijiet għandhom jiġu garantiti b'kollateral adegwat. Riskju ewlieni f'dawn l-operazzjonijiet huwa t-tnaqqis potenzjali fil-valur tal-kollateral fil-każ ta' inadempjenza ta' kontroparti u l-Eurosistema ssir is-sid legali tal-kollateral għal perjodu ta' żmien inċert.

(12) L-Eurosistema tuża diversi miżuri fil-qafas kollaterali attwali tagħha biex ittaffi r-riskji finanzjarji assoċjati mal-operazzjonijiet ta' self tagħha, madankollu l-impatt finanzjarju potenzjali tal-inċertezzi relatati mat-tranżizzjoni klimatika għadu ma ġiex indirizzat. Ir-riskji finanzjarji assoċjati għall-Eurosistema jirriżultaw mill-potenzjal għall-ipprezzar mill-ġdid tal-assi minħabba xokkijiet mhux mistennija fit-tranżizzjoni klimatika hekk kif l-ekonomija timxi lejn futur b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, xprunat minn bidliet fil-politika, fit-teknoloġija, fid-dinamika tas-suq, u fil-preferenzi tal-konsumatur. Il-Kunsill Governattiv għalhekk iddeċieda li jintroduċi "fattur klimatiku", li huwa miżura addizzjonali ta' kontroll tar-riskju mmirata lejn il-mitigazzjoni tal-impatt finanzjarju potenzjali tal-inċertezzi relatati mat-tranżizzjoni klimatika billi jaġġusta l-valur assenjat lill-assi negozjabbli eliġibbli maħruġa minn ċerti korporazzjonijiet mhux finanzjarji u l-affiljati tagħhom, u mobilizzati bħala kollateral skont il-punt sa fejn jistgħu jiġu affettwati minn inċertezzi relatati mat-tranżizzjoni klimatika li jħarsu 'l quddiem.

(13) L-aġġustament tal-valur assenjat lill-assi eliġibbli mobilizzati bħala kollateral jenħtieġ li jkun ibbażat fuq sett ta' kriterji oġġettivi bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-miżura tkun xierqa biex jintlaħaq l-objettiv iddikjarat tagħha ta' mitigazzjoni tar-riskju finanzjarju u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv. Il-fattur klimatiku għandu jiġi derivat minn punteġġ ta' inċertezza magħmul minn tliet elementi: (a) stressor speċifiku għas-settur: "fattur tas-suq" uniformi derivat min-nuqqas mistenni fix-xenarju avvers tat-test tal-istress klimatiku tal-Eurosistema, li japplika għall-assi kollha maħruġa minn kumpaniji f'settur speċifiku; (b) skopertura speċifika għall-emittent: kejl tal-iskopertura ta' emitteni għal inċertezzi relatati mat-tranżizzoni, abbażi tal-metodoloġija żviluppata għax-xaqlib tax-xiri taħt il-Programm ta' Xiri mis-Settur Korporattiv (CSPP); u (c) vulnerabbiltà speċifika għall-assi: valutazzjoni ta' kemm il-prezz tas-suq ta' assi huwa sensittiv għal xokkijiet klimatiċi futuri mhux mistennija, filwaqt li titqies il-maturità residwa tiegħu. Abbażi tal-punteġġ ta' inċertezza, l-Eurosistema għandha tassenja fattur klimatiku lil kull assi negozjabbli eliġibbli fl-ambitu tal-miżura tal-ġestjoni tar-riskju, li jista' jkompli jaġġusta l-valur kollaterali tiegħu wara l-applikazzjoni ta' miżuri tal-kontroll tar-riskju oħra. L-assi li jsiru eliġibbli bejn żewġ eżerċizzji annwali ta' aġġornament fir-rigward tal-fattur klimatiku jenħtieġ li inizjalment jiġu assenjati fattur klimatiku medjan tat-tip ta' assi li jappartjenu għalih, speċifikament bond, nota fuq terminu medju jew karta kummerċjali.ġusta l-valur tal-kollateral tiegħu wara l-applikazzjoni ta' miżuri oħra ta' kontroll tar-riskju. L-applikazzjoni ta' fattur klimatiku medjan ibbażat fuq it-tip ta' assi tirrifletti d-differenzi inerenti fis-sensittività tal-prezz għal xokkijiet simili fost it-tipi ta' assi, u tibbilanċja l-ġestjoni tar-riskju ma' kunsiderazzjonijiet ta' effiċjenza sal-eżerċizzju ta' aġġornament annali li jmiss.

(14) Il-fattur klimatiku għandu jiġi kkalibrat b'tali mod li l-abilità tal-Eurosistema li timplimenta politika monetarja permezz ta' disponibilità wiesgħa ta' kollateral tibqa' bla mittiefsa.

(15) Il-fattur klimatiku għandu jirrifletti inċertezzi fil-klima relatati mat-tranżizzjoni li għalihom assi negozjabbli maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji kif ukoll entitajiet affiljati tagħhom jistgħu jkunu esposti. Il-fokus fuq dawn l-assi neozjabbli huwa xprunat b'disponibilità tad-data aħjar f'dan is-settur u l-esperjenza li l-Eurosistema kisbet bl-integrazzjoni tar-riskju tranżitorji klimatiċi fis-CSPP. Il-fattur klimatiku, inkluż l-ambitu, il-metodoloġija u l-kalibrazzjoni tiegħu, għandhom jiġu rieżaminati regolarment mill-Kunsill Governattiv u aġġornati kif meħtieġ biex (a) jirriflettu ż-żieda fid-disponibilità tad-data u mudelli rilevanti u (b) jittieħed kont tal-iżviluppi u l-avvanzi regolatorji rilevanti fil-kapaċitajiet tal-valutazzjoni tar-riskju.

(16) Permezz tal-introduzzjoni tal-fattur klimatiku bħala miżura addizzjonali tal-kontroll tar-riskju, l-Eurosistema tkompli tiżgura li tikkonforma mal-Artikolu 11 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jirrikjedi li rekwiżiti dwar il-protezzjoni ambjentali huma integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u attivitajiet tal-Unjoni, bl-inklużjoni tal-politika monetarja tal-Unjoni. Bl-istess mod, huwa jiżgura li s-CSPP jikkonforma mal-obbligi tal-Eurosistema skont l-Artikolu 7 tat-Trattat, li jirrikjedi li l-Unjoni tiżgura konsistenza bejn il-politiki u l-attivitajiet tagħha.

(17) Fid-dawl tal-implimentazzjoni teknika tal-fattur klimatiku fi ħdan is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Kollateral tal-Eurosistema (ECMS), jeħtieġ li d-data tal-applikazzjoni tal-fattur klimatiku tiġi allinjata mad-data tal-ħruġ tal-ECMS li sseħħ fit-tieni kwart tal-2026, u għaldaqstant il-fattur klimatiku għandu jiġi applikat mill-15 ta' Ġunju 2026.

(18) Għaldaqstant, il-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) ([1]) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Emendi

Il-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (7a) li ġej jiddaħħal:

"(7a) 'fattur klimatiku' tfisser aġġustament li jista' jiġi applikat lill-valur assenjat lil assi negozjabbli maħruġa minn ċerti korporazzjonijiet mhux finanzjarji u l-gruppi emmitenti korporattiv rispettivi tagħhom li huma mobilizzati bħala kollaterali fl-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema sabiex jimmitigaw l-impatt finanzjarju potenzjali tal-inċertezzi klimatiċi relatati ma' tranżizzjoni;";

(b) jiddaħħal il-punt (10a) li ġej:

"(10a) 'grupp ta' emittenti korporattivi' tfisser, għall-iskop tal-fattur klimatiku, grupp ta' impriżi li joperaw bħala entità ekonomika waħda u jikkostitwixxu entità li tirrapporta għall-finijiet tal-preżentazzjoni ta' kontijiet konsolidati, li jinkludu l-impriża prinċipali u s-sussidjarji diretti u indiretti kollha tagħha;";

(c) fil-punt (16), il-punt (e) huwa mħassar;

(d) fil-punt (23), jitħassru l-punti (c) u (d);

(e) il-punt (26a) huwa mħassar;

(f) jitħassar il-punt (26b);

([1]) Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (Linja Gwida dwar id-Dokumentazzjoni Ġenerali) (BĊE/2014/60) (ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/guideline/2015/510/oj).

(g) il-punt (31a) huwa mħassar;

(h) il-punt (49) huwa mħassar;

(i) il-punt (50a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(50a) 'repożitorju tad-data tal-livell ta' self' tfisser repożitorju tat-titolizzazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (23), tar-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), li huwa rreġistrat mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) skont l-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament;

_____

(*) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2402/oj).";

(j) il-punt (70) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(70) 'assi mhux negozjabbli' tfisser kwalunkwe wieħed minn dawn l-assi: depożiti għal perjodu fiss, pretensjonijiet ta' kreditu;";

(k) il-punt (70a) huwa mħassar;

(l) jiddaħħal il-punt (79a) li ġej:

"(79a) 'riskju ta' valur residwu' tfisser ir-riskju li jirriżulta fir-rigward ta' pagament taħt assi li jiġġenera fluss ta' flus fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) il-pagament ikun strutturat b'tali mod li jkun sistematikament dipendenti fuq il-bejgħ jew ir-rifinanzjament tal-oġġetti inkwistjoni, mingħajr ebda rikors ulterjuri għad-debitur biex ikopri kwalunkwe nuqqas potenzjali bejn ir-rikavat mill-bejgħ tal-oġġetti u l-pagamenti skedati taħt l-assi li jiġġenera l-fluss tal-flus, jew kwalunkwe nuqqas potenzjali fuq dawk il-pagamenti li jirriżulta minn nuqqas ta' rifinanzjament totali jew parzjali tal-oġġetti;

(b) id-debitur għandu l-għażla, fost l-oħrajn, li jikkonsenja l-merkanzija b'saldu sħiħ tal-obbligi ta' pagament tiegħu iżda ma għandu l-ebda obbligu li jkopri kwalunkwe nuqqas bejn ir-rikavat mill-bejgħ tal-merkanzija u l-pagamenti skedati taħt l-assi li jiġġenera l-fluss tal-flus, jew kwalunkwe nuqqas potenzjali fuq dawk il-pagamenti li jirriżulta minn nuqqas ta' rifinanzjament totali jew parzjali tal-oġġetti;

(c) fil-każ ta' (a) jew (b), irrispettivament mill-eżistenza ta' kwalunkwe riakkwist, garanzija jew obbligu ieħor ta' parti terza jew parti fi tranżazzjoni biex tagħmel jew il-pagament skedat jew biex tkopri kwalunkwe nuqqas potenzjali bejn ir-rikavat mill-bejgħ tal-merkanzija u l-pagamenti skedati taħt l-assi li jiġġenera l-fluss tal-flus, jew kwalunkwe nuqqas potenzjali fuq dawk il-pagamenti li jirriżulta minn nuqqas ta' rifinanzjament totali jew parzjali tal-oġġetti;";

(m) jiddaħħal il-punt (79b) li ġej:

"(79b) 'awtorità ta' riżoluzzjoni' tfisser awtorità ta' riżoluzzjoni kif definita fl-Artikolu 2(1), il-punt (18), tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) jew il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**);

_____

(*) Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE, and d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/59/oj).

(**) Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/806/oj).";

(n) Jiddaħħal il-punt (80a) li ġej:

"(80a) 'miżura għall-mitigazzjoni tar-riskju' tfisser kwalunkwe waħda minn dawn: (a) l-impożizzjoni ta' limitu fuq l-ammont tal-likwidità pprovdut wara t-tneħħija tal-limitazzjoni fuq l-aċċess mill-kontropoarti tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema b'maturità standara ta' ġimgħa jew anqas, inkluż f'każijiet fejn il-kalendarju indikattiv għal dawn l-operazzjonijiet jipprovdi għal maturità eċċezzjonalment estiża; (b) il-limitazzjoni fuq il-mobilizzazzjoni bħala kollateral ta' ABS mobilizzat miżmum, u bonds koperti ta' użu proprju, kif imsemmi fl-Artikolu 3(5) u (2a) tal-Linja Gwida (UE) 2016/65 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/35) (*), rispettivament, jew assi oħra li meqjusa mhux likwidi mill-Eurosistema; u (c) ir-rekwiżit ta konformità mar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali kif determinat mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 104(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2013/36/UE, flimkien mal-konformità mar-rekwiżiti tal-fondi proprji skont l-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

_____

(*) Linja Gwida (UE) 2016/65 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Novembru 2015 dwar il-haircuts fil-valutazzjoni applikati fl-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2015/35) (ĠU L 14, 21.1.2016, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/guideline/2016/65/oj).";

(2) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 5 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"5. Tranżazzjonijiet bil-maqlub li jassorbu l-likwidità għandhom ikunu bbażati fuq assi pprovduti mill-Eurosistema. Il-kriterji ta' eliġibbiltà ta' dawk l-assi għandhom ikunu identiċi għal dawk applikati għal assi eliġibbli użati fi tranżazzjonijiet bil-maqlub li jipprovdu likwidità, skont il-Parti Erbgħa. Ebda haircuts ta valutazzjoni ma għandhomx jintużaw fi tranżazzjonijiet bil-maqlub li jassorbu l-likwidità.";

(3) l-Artikolu 62 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) ammont prinċipali mingħajr kundizzjonijiet li huwa marbut, fuq bażi fissa, ma' rata ta' referenza waħda biss tal-indiċi tal-inflazzjoni domestika għal strumenti ta' dejn iddenominati f'euro, lira sterlina, yen jew dollaru Amerikan. Ir-rabta fuq bażi fissa għandha tinftiehem bħala l-kumpens fuq bażi individwali għall-inflazzjoni rreġistrata fir-rata ta' referenza tal-indiċi tal-inflazzjoni domestika (iżda li tippermetti livelli minimi u/jew limiti massimi pożittivi).";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Strumenti ta' dejn li jikkonformaw mal-paragrafu 1, il-punt (b), u li l-istruttura tal-kupun tagħhom hija kif stabbilita fl-Artikolu 63(1), il-punt (ba), għandu jkollhom kupuni indiċjati għall-istess rata ta' referenza tal-indiċi tal-inflazzjoni domestika bħall-ammont prinċipali.";

(4) fl-Artikolu 63, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Sabiex ikunu eliġibbli, l-istrumenti ta' dejn għandu jkollhom waħda minn dawn l-istrutturi ta' kupun li ġejjin sal-fidi finali:

(a) kupuni fissi, żero, jew b'diversi passi bi skeda ta' kupun predefinita u valuri tal-kupun predefiniti;

(b) kupuni varjabbli li ma humiex marbuta ma' rata ta' indiċi ta'inflazzjoni u li għandhom din l-istruttura: rata tal-kupun = (rata ta' referenza * l) ± x, b' f ≤ rata tal-kupun ≤ c, fejn:

(i) fil-każ ta' strumenti ta' dejn iddenominati f'euro r-rata ta' referenza hija biss waħda minn dawn li ġejjin f'mument wieħed:

— rata tas-suq monetarju tal-euro li l-użu tagħha huwa permess fl-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), eż. ir-rata tal-euro fuq terminu qasir (€STR) (inkluż €STR komposta jew medja ta' kuljum), Euribor, jew indiċi simili; għall-ewwel jew/u l-aħħar kupun ir-rata ta' referenza tista' tkun interpolazzjoni lineari bejn żewġ maturitajiet tal-istess rata tas-suq monetarju tal-euro eż. interpolazzjoni lineari bejn żewġ maturitajiet differenti ta' Euribor;

— rata kostanti ta' swap ta' maturità, eż. CMS, EIISDA, EUSA;

— ir-rendiment ta' bond wieħed tal-gvern taż-żona tal-euro, jew indiċi ta' bosta minnhom, li għandhom maturità ta' sena jew inqas;

(ia) fil-każ ta' strumenti ta' dejn iddenominati f'lira sterlina, yen jew dollari Amerikani r-rata ta' referenza hija biss waħda minn dawn li ġejjin f'punt wieħed fiż-żmien:

— rata unika tas-suq monetarju, li l-użu tagħha huwa permess fl-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/1011 fil-munita tad-denominazzjoni tagħhom,

— kwalunkwe rata tal-imgħax ta' referenza aċċettabbli oħra f'munita barranija, kif deċiż mill-Kunsill Governattiv.

(ii) f (minimu), c (massimu), l (fattur ta' ingranaġġ/diżingranaġġ) u x (marġni) huma, jekk preżenti, numri li jew ġew predefiniti fil-ħin tal-ħruġ, jew inkella jistgħu jinbidlu maż-żmien biss skont rotta predefinita fil-ħin tal-ħruġ, fejn l huwa aktar minn żero matul il-ħajja sħiħa tal-assi;

(ba) kupuni varjabbli li huma marbuta ma' rata ta' referenza tal-indiċi tal-inflazzjoni domestika għall-munita rilevanti tad-denominazzjoni, jiġifieri l-euro, il-lira sterlina, il-yen jew id-dollari Amerikani, dment li:

(i) il-komponent fiss mhux aġġustat għall-inflazzjoni tal-kupun u, jekk preżenti, marġni oħrajn li huma applikabbli permezz ta' żieda jew tnaqqis, huma fissi, jew jistgħu jinbidlu maż-żmien biss skont perkors predefinit mal-ħruġ;

(ii) il-kumpens għall-inflazzjoni huwa marbut fuq bażi fissa ma' rata ta' referenza unika tal-indiċi tal-inflazzjoni domestika — bl-eċċezzjonijiet possibbli ta' limiti minimi u massimi pożittivi, u każijiet fejn il-kumpens għall-inflazzjoni jiġi kkalkolat b'referenza għal-livell massimu tal-indiċi tal-prezzijiet milħuq għad-dati riċenti tal-ħlas tal-kupuni fil-każ ta' episodji rreġistrati ta' deflazzjoni (bħal fil-każ tal-bonds *Buoni del Tesoro Poliennali (BTP) Italia*);

(iii) minimi u massimi, jekk preżenti, huma numri li huma jew pre-definiti mal-ħruġ, jew li jistgħu jinbidlu maż-żmien biss skont prekors pre-definit mal-ħruġ;

(iv) dawn il-kupuni varjabbli ma fihom l-ebda komponent kumpless ieħor.

(c) kupuni b'diversi stadji jew varjabbli b'passi marbuta ma' SPTs, sakemm:

(i) il-konformità mal-SPTs mill-emittent, jew kwalunkwe impriża li tappartjeni għall-istess grupp ta' emittenti ta' bonds marbuta mas-sostenibbiltà, tkun soġġetta għal verifika minn parti terza indipendenti f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-istrument ta' dejn; u

(ii) l-avveniment step-up u/jew il-pagament step-up assoċjat ma jkunux ġew ikkanċellati jew diżapplikati mill-emittent jew b'mezzi oħra.

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016. p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1011/oj).";

(5) l-Artikolu 65 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 65*

Munita tad-denominazzjoni tal-assi negozjabbli

Sabiex ikunu eliġibbli, l-istrumenti ta' dejn għandhom ikunu ddenominati f'waħda mill-muniti li ġejjin: euro, waħda mill-muniti preċedenti tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, lira sterlina, yen jew dollaru Amerikan.";

(6) l-Artikolu 66 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Sabiex ikunu eliġibbli, l-istrumenti ta' dejn iddenominati f'euro għandhom jinħarġu fiż-ŻEE, u dawk iddenominati f'lira sterlina, yen jew dollaru Amerikan għandhom jinħarġu fiż-żona tal-euro b'CSD li jħaddem (i) SSS eliġibbli jew (ii) SSS b'rabta eliġibbli ma' SSS eliġibbli.";

(b) il-paragrafu 3 huwa mħassar;

(7) jiddaħħal l-Artikolu 66a li ġej:

"*Artikolu 66a*

Forma ta' ħruġ ta' ċerti assi negozjabbli

1. Il-kriterji ta' eliġibbiltà li ġejjin għandhom japplikaw biss għal strumenti ta' dejn negozjabbli li huma maħruġa permezz tal-ICSDs f'forma ta' nota globali u rrappreżentati b'ċertifikat fiżiku (karta) jew b'kopja elettronika (diġitali) ta' nota karta globali.

(a) Fejn tali strumenti huma maħruġa f'forma bearer globali, huma għandhom jinħarġu f'forma ta' noti globali ġodda (NGNs) u għandhom jiġu ddepożitati ma' konsenjatarju komuni li huwa ICSD jew CSD li jopera (i) SSS eliġibbli jew (ii) SSS b'rabta eliġibbli ma' SSS eliġibbli. Dan ir-rekwiżit m'għandux japplika għal strumenti ta' dejn internazzjonali maħruġa f'forma bearer globali maħruġa f'forma ta' noti globali klassiċi qabel l-1 ta' Jannar 2007 u ħruġ funġibbli tap ta' dawn in-noti maħruġa skont l-istess ISIN irrispettivament mid-data tal-ħruġ tap.

(b) Fejn tali strumenti huma maħruġa f'forma globali rreġistrata, huma għandhom jinħarġu taħt l-istruttura l-ġdida ta' salvagwardja għall-istrumenti ta' dejn internazzjonali. Bħala deroga, dan m'għandux japplika għal istrumenti ta' dejn internazzjonali maħruġa f'forma reġistrata globali qabel l-1 ta' Ottubru 2010.

2. Strumenti ta' dejn internazzjonali f'forma ta' nota individwali li huma rrappreżentati minn ċertifikati fiżiċi (karta) individwali ma għandhomx ikunu eliġibbli sakemm ma jkunux inħarġu f'forma ta' nota individwali qabel l-1 ta' Ottubru 2010.

3. Għal strumenti ta' dejn internazzjonali li huma maħruġa permezz ta' ICSDs f'forma totalment dematerjalizzata, l-Eurosistema tirriżerva d-dritt li tivverifika li tali strumenti ma jagħtux lok għal riskji materjali li jistgħu jaffetwaw id-drittijiet tal-Eurosistema bħala detentur tal-kollateral u huma kostitwiti b'mod validu skont il-liġi li tirregola tali strumenti, irrispettivament mit-teknoloġija li tappoġġa l-ħruġ tagħhom.";

(8) l-Artikolu 70 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Sabiex ikunu eliġibbli, strumenti ta' dejn għandhom jinħarġu minn emittent stabbilit fiż-ŻEE jew f'pajjiż G10 li mhux fiż-ŻEE, soġġett għall-eċċezzjonijiet fil-paragrafi 3a sa 7 ta' dan l-Artikolu, u fl-Artikolu 81a(4). Għal assi negozjabbli b'aktar minn emittent wieħed, dan ir-rekwiżit għandu japplika għal kull emittent.";

(b) jiddaħħal il-parargafu 7 li ġej:

"7. Għal strumenti ta' dejn iddenominati f'lira sterlina, yen jew dollaru Amerikan, l-emittent għandu jkun stabbilit fiż-ŻEE.";

(9) l-Artikolu 72 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 72*

Kriterji ta' eliġibbiltà għal titoli sostnuti minn assi

1. Sabiex ikunu eliġibbli għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, ABSs b'valutazzjoni tal-kreditu li tikkorrispondi, bħala minimu, għall-iskala 2 tal-kwalità tal-kreditu fuq l-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema għandhom jikkonformaw ma' (a) il-kriterji ġenerali ta' eliġibbiltà relatati mat-tipi kollha ta' assi negozjabbli stabbiliti fit-Taqsima 1, ħlief għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 62 relatati mal-ammont prinċipali, u (b) il-kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikoli 73 sa 79a.

2. Sabiex ikunu eliġibbli għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, ABSs b'valutazzjoni tal-kreditu li tikkorrispondi għall-iskala 3 tal-kwalità tal-kreditu fuq l-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 u mal-kriterji ta' eliġibbiltà speċifiċi addizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 79b.";

(10) l-Artikolu 73 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Sabiex l-ABSs ikunu eliġibbli, l-assi kollha li jiġġeneraw fluss ta' flus li jiggarantixxu l-ABSs għandhom ikunu omoġenji, jiġifieri għandu jkun possibbli li jiġu rrapportati skont wieħed mit-tipi ta' mudelli dwar il-livell ta' self speċifikati fl-istandards tekniċi implimentattivi adottati mill-Kummissjoni kif imsemmija fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402, li għandu jkun relatat ma' wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) ipoteki residenzjali;

(b) self lil impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs);

(c) self għax-xiri ta' karozzi;

(d) self għal finanzjament tal-konsumatur;

(e) ammonti riċevibbli għal kiri;

(f) ammonti riċevibbli fuq kard ta' kreditu.";

(b) jiddaħħal il-parargafu 7 li ġej:

"7. L-emittent ta' ABS ma jridx ikun soġġett għal riskju ta' valur residwu.";

(11) l-Artikolu 78 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 78*

Disponibbiltà ta' data tal-livell ta' self għat-titoli ggarantiti minn assi

1. Sabiex l-ABSs isiru jew jibqgħu eliġibbli, id-data komprensiva u standardizzata tal-livell ta' self dwar l-aggregazzjoni ta' assi li jiġġeneraw fluss ta' flus li jappoġġaw l-ABSs għandha ssir disponibbli mill-partijiet rilevanti għal repożitorju ta' titolizzazzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu.

1a. Id-data tal-livell ta' self għandha tiġi sottomessa għal kull tranżazzjoni individwali bl-użu tal-mudelli rilevanti speċifikati fl-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni kif imsemmi fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402. Il-formola rilevanti li għandha tiġi sottomessa tiddependi fuq it-tip ta' assi li jappoġġa l-ABS, kif speċifikat fl-Artikolu 73(1), il-punti (a) sa (f).

1b. Id-data dwar il-livell ta' self għandha tiġi rappurtata tal-anqas fuq bażi trimestrali, iżda mhux aktar tard minn xahar wara d-data li fiha hu dovut il-ħlas ta' imgħax fuq l-ABSs rilevanti. Għall-fini tal-mudelli msemmija fil-paragrafu 1a, id-'data tal-qtugħ tal-aggregat' għandha tkun id-data li fiha ttieħdet stampa tal-prestazzjoni tal-assi sottostanti għar-rapport rispettiv li huwa meħtieġ li jiġi ppreżentat u d-'data tas-sottomissjoni tar-rapport' rispettiva ma tridx tkun aktar minn xahrejn wara tali data tal-qtugħ tal-aggregat.

1c. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti fil-paragrafi 1, 1a u 1b, jitwettqu kontrolli awtomatizzati tal-konsistenza u tal-preċiżjoni fuq ir-rapporti fuq id-data tal-livell ta' self ġdida u aġġornata kollha għal kull tranżazzjoni mir-repożitorju tad-data tal-livell ta' self.";

(12) l-Artikolu 79b li ġej huwa mdaħħal:

"*Artikolu 79b*

Kriterji ta' eliġibbiltà addizzjonali għal titoli ggarantiti b'assi b'valutazzjoni tal-kreditu ugwali għall-iskala 3 tal-kwalità tal-kreditu

1. Sabiex ikunu eliġibbli, ABSs b'valutazzjoni tal-kreditu ugwali għall-iskala 3 tal-kwalità tal-kreditu fuq l-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema għandhom jikkonformaw mal-kriterji ta' eliġibbiltà speċifiċi addizzjonali li ġejjin:

(a) l-aggregazzjoni ta' assi li jiġġeneraw fluss ta' flus li jsostnu l-ABS ma għandux ikun fiha, fil-mument tal-ħruġ tal-ABS jew meta miżjuda mal-aggregazzjoni sussegwentement — pereżempju permezz ta' sostituzzjoni jew sostituzzjoni tal-assi li jiġġeneraw fluss ta' flus — self li fir-rigward tiegħu l-pagament tal-imgħax jew tal-kapital ikun skada b'aktar minn 90 jum u d-debitur ikun inadempjenti kif definit fl-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew meta jkun hemm raġunijiet tajbin biex jiġi ddubitat li l-pagament ta' tali mgħax jew kapital se jsir b'mod sħiħ;

(b) l-aggregazzjoni ta' assi li jiġġeneraw fluss ta' flus ma għandux ikun fih self li huwa, jew li fi kwalunkwe ħin kien, self strutturat, self sindakat jew self ingranat;

(c) id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tal-ABS għandu jkun fiha dispożizzjonijiet dwar il-kontinwità tas-servizzjar.

2. Kontroparti ma tistax tissottometti bħala kollateral ABS li jikkonforma mal-kriterji ta' eliġibbiltà speċifiċi addizzjonali stabbiliti fil-paragrafu 1 jekk il-kontroparti, jew kwalunkwe parti terza li magħha għandha rabtiet mill-qrib, taġixxi bħala fornitur ta' ħeġġ tar-rata tal-imgħax fir-rigward tal-ABS.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) 'self strutturat' tfisser struttura li tinvolvi talbiet ta' kreditu subordinati;

(b) 'self mingħand konsorzju' tfisser self mogħti minn grupp ta' selliefa f'konsorzju li jislef;

(c) 'self b'ingranaġġ' tfisser self mogħti lil kumpanija li diġà għandha ammont konsiderevoli ta' dejn, bħal finanzjament għal akkwist jew għal teħid, fejn is-self jintuża għall-akkwist ta' kumpanija li hija wkoll id-debitur tas-self;

(d) 'dispożizzjonijiet dwar il-kontinwità tas-servizzjar' tfisser dispożizzjonijiet fid-dokumentazzjoni legali ta' ABS li fihom dispożizzjonijiet dwar is-servizzjant ta' riżerva jew, jekk ma jkun hemm l-ebda servizzjant ta' riżerva, dispożizzjonijiet dwar il-faċilitatur ta' servizzjant ta' riżerva.

(e) 'dispożizzjonijiet għall-faċilitatur ta' servizzjant ta' riżerva' tfisser dispożizzjonijiet li: (i) jirrikjedu n-nomina u l-mandat ta' faċilitatur ta' servizzjant ta' riżerva biex jinstab servizzjant ta' riżerva xieraq fi żmien 60 jum mill-okkorrenza ta' avveniment skattatur sabiex jiġu żgurati l-ħlas u s-servizzjar fil-ħin tal-ABS; u (ii) jipprovdu li ma għandu jkun hemm l-ebda rabta mill-qrib bejn kull wieħed mis-servizzjant, il-faċilitatur ta' servizzjant ta' riżerva u l-bank tal-kont emittent fl-istess ħin.

(f) 'dispożizzjonijiet dwar is-servizzjant ta' riżerva' tfisser dispożizzjonijiet li: (i) jipprevedu skattaturi għas-sostituzzjoni tas-servizzjant li huma marbuta ma' bidliet fil-klassifikazzjoni tas-servizzjant, nuqqas ta' twettiq tal-obbligi mis-servizzjant, u/jew kwalunkwe skattaturi oħra standard tal-industrija għas-sostituti tas-servizzjant; u (ii) jipprovdu li ma għandu jkun hemm l-ebda rabta mill-qrib bejn is-servizzjant ta' riżerva u s-servizzjant.";

(13) fl-Artikolu 82(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) ABSs għandu jkollhom valutazzjonijiet tal-kreditu li huma pprovduti minn tal-anqas żewġ sistemi ECAI aċċettati differenti, espressi fil-forma ta' żewġ klassifikazzjonijiet ta' kreditu pubbliku, waħda pprovduta minn kull waħda mis-sistemi ECAI, f'konformità ma', bħala minimu, pass 3 tal-kwalità tal-kreditu fl-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema.";

(14) fl-Artikolu 87, tiżdied it-tabella li ġejja:

"*Tabella 9*

Valutazzjonijiet tal-kwalità tal-kreditu impliċiti għal emittenti jew garanti mingħajr valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu ECAI

	Allokazzjoni ta' emittenti u garanti skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013	Derivazzjoni ECAF tal-valutazzjoni ta' kreditu impliċitu tal-emittent jew garanti li jappartjeni għall-klassi korrispondenti
Klassi 1	Gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku CRR li huma ttrattatimill-awtoritajiet kompetenti bl-istess mod bħall-gvern ċentrali għall-finijiet ta' rekwiżiti tal-kapital skont l-Artikoli 115(2) u 116(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	Allokati l-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu ECAI tal-gvern ċentrali li fil-ġurisdizzjoni tiegħu hija stabbilita l-entità
Klassi 2	Gvernijiet reġjonali oħrajn, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku CRR	Allokati valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu pass wieħed (*) taħt il-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu ECAI tal-gvern ċentrali li fil-ġurisdizzjoni tiegħu hija stabbilita l-entità
Klassi 3	Entitajiet tas-settur pubbliku kif iddefiniti fil-punt (75) tal-Artikolu 2 li mhumiex entitajiet tas-settur pubbliku CRR	Ittrattati bħal emittenti jew debituri tas-settur privat, jiġifieri l-assi negozjabbli tagħhom mhumiex eliġibbli

(*) Informazzjoni dwar il-passi tal-kwalità tal-kreditu hija ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-BĊE."

(15) fl-Artikolu 89, jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. Pretensjonijiet ta' kreditu kklassifikati bħala skoperturi mhux produttivi fl-Artikolu 47a(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ma għandhomx ikunu tipi ta' pretensjonijiet ta' kreditu eliġibbli; anke jekk koperti minn garanzija li hija aċċettabbli taħt it-Titolu IV.";

(16) fil-Parti Erbgħa, it-Titolu III, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 3 "Kriterji ta' eliġibbiltà għall-RMBDs", li fiha l-Artikolu 107, titħassar;

(17) fil-Parti Erbgħa, it-Titolu III, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 4 "Kriterji ta' eliġibbiltà għad-DECCs", li fiha l-Artikoli 107a sa 107f, titħassar;

(18) fl-Artikolu 108, jitħassar il-punt (b);

(19) fl-Artikolu 109, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 89(6) u l-Artikolu 92, il-kontropartijiet għandhom fi żmien ġurnata tax-xogħol li jmiss jinformaw lill-BĊN relevanti b'kull avveniment ta' kreditu, inkluż dewmien fil-ħlasijiet mid-debituri tat-talbiet ta' kreditu mmobilizzati bħala kollateral, li huwa magħruf lill-kontroparti u, jekk mitlub mill-BĊN relevanti, jirtiraw jew jissostitwixxu l-assi.";

(20) l-Artikolu 110 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu -1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"-1. Is-sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu interni sħaħ (F-ICASs) tal-BĊNi aċċettati mill-Eurosistema skont il-kriterji ta' aċċettazzjoni ġenerali fit-Titolu V tal-Parti Erbgħa għandhom jintużaw bħala s-sors primarju ta' valutazzjoni tal-kreditu għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu tad-debituri u l-garanti ta' pretensjonijiet ta' kreditu mobilizzati bħala kollateral fejn tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn F-ICAS aċċettat, mill-BĊN domestiku jew minn kwalunkwe BĊN ieħor.";

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kontropartijiet li jimmobilizzaw pretensjonijiet ta' kreditu bħala kollateral jistgħu jagħżlu sistema jew sors addizzjonali ta' valutazzjoni tal-kreditu minn wieħed mis-sorsi l-oħra ta' valutazzjoni tal-kreditu aċċettati mill-Eurosistema skont il-kriterji ta' aċċettazzjoni ġenerali fit-Titolu V tal-Parti Erbgħa. Is-sistema jew is-sors tal-valutazzjoni tal-kreditu magħżul skont dan il-paragrafu għandhom jissejħu bħala s-sistema jew is-sors sekondarju tal-valutazzjoni tal-kreditu tal-kontroparti. Is-sistema jew is-sors sekondarju tal-valutazzjoni tal-kreditu jistgħu jintużaw biss meta ma tkun disponibbli l-ebda valutazzjoni tal-kreditu għad-debitur jew il-garanti rilevanti, rispettivament, minn BĊN aċċettat F-ICAS.";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-BĊN domestiku jista' jippermetti lill-kontropartijiet jużaw aktar minn żewġ sistemi jew sorsi ta' valutazzjoni tal-kreditu fuq sottomissjoni ta' talba motivata lill-BĊN domestiku appoġġata minn każ ta' negozju adegwat ibbażat fuq in-nuqqas ta' kopertura suffiċjenti tas-sorsi jew sistemi primarji u sekondarji ta' valutazzjoni tal-kreditu. Il-BĊN domestiku jista' jippermetti l-użu ta' sistemi statistiċi ta' valutazzjoni tal-kreditu interni (S-ICASs) bħala t-tielet sistema jew sors ta' valutazzjoni tal-kreditu fuq talba ta' kontroparti, mingħajr il-ħtieġa li dik il-kontroparti tissottometti dikjarazzjoni motivata appoġġata argument adegwat għall-vijabbiltà.";

(21) it-Taqsima 2 "Rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema għall-RMBDs" tal-Parti Erbgħa, it-Titolu III, il-Kapitolu 2, li fiha l-Artikolu 112, titħassar;

(22) it-Taqsima 3 "Ir-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema għad-DECCs" tal-Parti Erbgħa, it-Titolu III, il-Kapitolu 2, li fiha l-Artikolu 112a, titħassar;

(23) l-Artikolu 119 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-informazzjoni tal-valutazzjoni tal-kreditu li fuqha l-Eurosistema tibbaża l-valutazzjoni ta' eliġibbiltà tal-assi eliġibbli bħala kollateral għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema għandha tiġi pprovduta minn sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu li jappartjenu għal wieħed mill-erba' sorsi li ġejjin:

(a) ECAIs;

(b) F-ICASs;

(c) S-ICASs tal-BĊNi;

(d) sistemi IRB tal-kontropartijiet.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Taħt kull sors ta' valutazzjoni tal-kreditu elenkat fil-paragrafu 1 jista' jkun hemm ġabra ta' sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu. Is-sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu għandhom jikkonformaw mal-kriterji ta' aċċettazzjoni stabbiliti f'dan it-Titolu. Lista ta' sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu aċċettati, jiġifieri l-lista ta' ECAIs, F-ICASs u S-ICASs aċċettati, hija ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-BĊE.";

(24) l-Artikolu 121 huwa emendat kif ġej:

(a) It-titlu huwa mibdul b' li ġej:

"Kriterji ta' aċċettazzjoni ġenerali u proċeduri operattivi għas-sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu interni sħaħ tal-BĊNi u sistemi statistiċi interni ta' valutazzjoni tal-kreditu";

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-BĊNi jistgħu jiddeċiedu li jużaw il-F-ICASs jew l-S-ICASs tagħhom stess għall-fini tal-valutazzjoni tal-kreditu. Id-deċiżjoni ta' BĊN li juża l-F-ICAS jew l-S-ICAS tiegħu stess għandha tkun soġġetta għal proċedura ta' validazzjoni mill-Eurosistema.";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Valutazzjoni tal-kreditu permezz ta' F-ICAS jew S-ICAS tista' titwettaq minn qabel, jew fuq talba speċifika ta' kontroparti mas-sottomissjoni ta' assi lill-BĊN bl-użu ta' F-ICAS jew S-ICAS (il-'BĊN F-ICAS jew BĊN S-ICAS').";

(d) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fir-rigward tal-paragrafu 2, mas-sottomissjoni ta' assi lill-BĊN F-ICAS jew S-ICAS li fir-rigward tiegħu għandha tiġi vvalutata l-eliġibbiltà ta' debitur jew garanti, il-BĊN F-ICAS jew S-ICAS jinforma lill-kontroparti jew bl-istatus ta' eliġibbiltà tiegħu jew biż-żmien meħtieġ biex tiġi stabbilita valutazzjoni tal-kreditu. Jekk F-ICAS jew S-ICAS huwa limitat fl-iskop u jevalwa biss tipi speċifiċi ta' debituri jew garanti, jew jekk il-BĊN F-ICAS jew S-ICAS ma jistax jirċievi l-informazzjoni u d-data meħtieġa għall-valutazzjoni tal-kreditu tiegħu, il-BĊN F-ICAS jew S-ICAS għandu jinforma lill-kontroparti dwar dan mingħajr dewmien. Fiż-żewġ każijiet, id-debitur jew il-garanti rilevanti jitqies ineliġibbli, ħlief jekk l-assi jkunu konformi mar-rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu skont sistema jew sors ta' valutazzjoni ta' kreditu alternattiva jew sistema ta' valutazzjoni tal-kreditu li l-kontroparti titħalla tuża skont l-Artikolu 110. Fil-każ li l-assi mobilizzati jsiru ineliġibbli minħabba deterjorament tal-affidabbiltà tad-debitur jew tal-garanti, l-assi għandu jitneħħa fl-aktar data bikrija possibbli. Peress li la hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji u l-BĊN F-ICAS jew S-ICAS, u lanqas xi obbligu legali għal dawn il-korporazzjonijiet li jipprovdu informazzjoni mhux pubblika lill-BĊN F-ICAS jew S-ICAS, l-informazzjoni tiġi pprovduta fuq bażi volontarja.";

(e) il-paragrafu 4 jitħassar;

(25) l-Artikolu 128(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) haircuts ifl-valutazzjoni kif stabbilit fil-Linja Gwida (UE) 2016/65 (BĊE/2015/35);";

(b) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) marġni ta' varjazzjoni (immarkar ġġas-suq):

l-Eurosistema teħtieġ li jinżamm matul perjodu ta' żmien il-valur tas-suq tal-assi eliġibbli fit-tranżazzjonijiet bil-maqlub tagħha li jipprovdu likwidata, aġġustat b'haircuts u, kif applikabbli, fatturi klimatiċi. Jekk il-valur tal-assi eleġibbli, li huwa mkejjel fuq bażi ta' kuljum, jaqa' taħt ċertu livell (sotto-kollateralizzazzjoni), il-BĊN domestiku għandu jirrikjedi lill-kontroparti li tipprovdi assi jew flus kontanti addizzjonali permezz ta' sejħa ta' marġni skont l-Artikolu 136. Bl-istess mod, jekk il-valur tal-assi eliġibbli jaqbeż ċertu livell wara r-rivalutazzjoni tagħhom, il-BĊN għandu jirritorna l-flus kontanti żejda.";

(c) jiddaħħal il-punt (e) li ġej:

"(e) mill-15 ta' Ġunju 2026, fattur klimatiku kif stabbilit fl-Anness XIIb.";

(26) fl-Artikolu 136, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Jekk, wara l-valutazzjoni, haircuts u, kif applikabbli, fatturi klimatiċi, l-assi mobilizzati ma jaqblux mar-rekwiżiti kif ikkalkolati f'dak il-jum, is-sejħiet għall-marġni għandhom jitwettqu skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 11 tal-Linja Gwida (UE) 2024/3129 (BĊE/2024/22). Jekk il-valur tal-assi eliġibbli mobilizzati bħala kollateral mill-kontroparti, wara r-rivalwazzjoni tagħhom, jeċċedi l-ammont dovut mill-kontroparti flimkien, meta rilevanti, mal-marġni ta' varjazzjoni, il-BĊN jista' jirritorna l-flus kontanti żejda li l-kontroparti jkun ipprovda għas-sejħa ta' marġni.";

(27) fl-Artikolu 138(3), il-punt (c) jitħassar;

(28) fl-Artikolu 141, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kontroparti m'għandhiex tissottometti jew tuża bħala kollateral strumenti ta' dejn mhux iggarantiti maħruġa minn istituzzjoni ta' kreditu, jew minn entità oħra li magħha l-istituzzjoni ta' kreditu għandha rabtiet mill-qrib sal-punt li l-valur ta' dak il-kollateral maħruġ minn dik l-istituzzjoni ta' kreditu jew entità oħra li magħha għandha rabtiet mill-qrib meħudin flimkien jaqbeż l-2,5 % tal-valur totali tal-assi użati bħala kollateral minn dik il-kontroparti wara l-haircut applikabbli u, kif applikabbli, il-fattur klimatiku. Dan il-livell limitu ta' 5 % m'għandux japplika fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk il-valur ta' dawn l-assi ma jaqbiżx EUR 50 miljun wara xi haircut applikabbli u, kif applikabbli, il-fattur klimatiku;

(b) jekk dawn l-assi huma ggarantiti minn entità fis-settur pubbliku li għandha d-dritt tiġbor it-taxxi bħala mezz ta' garanzija li jikkonforma mal-karatteristiċi stabbiliti fl-Artikoli 114; jew

(c) jekk dawn l-assi jinħarġu minn aġenzija, bank ta' żvilupp multilaterali jew organizzazzjoni internazzjonali.";

(29) l-intestatura tal-Parti Ħamsa hija sostitwita b'dan li ġej:
"SANZJONIJIET GĦAL NUQQAS TA' KONFORMITà MAL-OBBLIGI TAL-KONTROPARTI";

(30) l-Artikolu 155 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 155*

Penali finanzjarji għan-nuqqas ta' konformità ma' ċerti regoli operazzjonali

1. Jekk kontroparti tonqos li tikkonforma ma' kwalunkwe wieħed mill-obbligi msemmija fl-Artikolu 154(1), l-Eurosistema għandha timponi penali finanzjarja għal kull każ ta' nuqqas ta' konformità. Għall-finijiet tal-Parti Ħamsa, kull assi individwali mobilizzat bħala kollateral li huwa affettwat minn okkażjoni ta' nuqqas ta' konformità għandu jikkostitwixxi każ ta' nuqqas ta' konformità. Il-penali finanzjarja applikabbli għandha tinkludi dan li ġej:

(a) ammont fiss ta' EUR 500 fir-rigward ta' kull okkażjoni ta' nuqqas ta' konformità notifikata mill-BĊN lill-kontroparti, irrispettivament min-numru ta' assi mobilizzati bħala kollateral li huma affettwati mill-okkażjoni ta' nuqqas ta' konformità;

(b) ammont varjabbli fir-rigward ta' kull assi mobilizzat bħala kollateral li huwa affettwat mill-okkażjoni ta' nuqqas ta' konformità, ikkalkulat f'konformità mal-Anness VII, it-Taqsima I.

2. Il-penali finanzjarja applikabbli totali kkalkulata f'konformità mal-paragrafu 1 u l-Anness VII għandha titnaqqas b' 50 % fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin ta' nuqqas ta' konformità awtodikjarat:

(a) meta kontroparti tirrettifika nuqqas ta' konformità ma' obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1), il-punt (c), u tinnotifika lill-BĊN b'din ir-rettifika qabel ma l-kontroparti tkun ġiet innotifikata bin-nuqqas ta' konformità mill-BĊN, mill-BĊE jew minn awditur estern;

(b) meta kontroparti tinnotifika lill-BĊN b'okkażjoni ta' nuqqas ta' konformità li (i) ma ġietx skoperta mill-BĊN jew mill-BĊE, u (ii) seħħet fir-rigward ta' assi li ġew demobilizzati. It-tnaqqis tal-penali finanzjarja ma għandux ikun applikabbli għal assi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' proċedura ta' verifika li tkun għaddejja li l-kontroparti tkun konxja tagħha minħabba notifika mill-BĊN, il-BĊE jew awditur estern.";

(31) l-Artikolu 156 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 156*

Penali mhux finanzjarji għan-nuqqas ta' konformità ma' ċerti regoli operazzjonali

1. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità minn kontroparti ma' obbligu tal-istess tip kif imsemmi fl-Artikolu 154(1), il-punt (a) jew il-punt (b), għandu japplika dan li ġej:

(a) l-Eurosistema tista' tissospendi l-kontroparti fit-tielet u f'kull okkażjoni sussegwenti ta' tali nuqqas ta' konformità fi żmien perjodu ta' 12-il xahar, jekk fir-rigward ta' kull okkażjoni bħal din ta' nuqqas ta' konformità ż-żewġ kundizzjonijiet (i) u (ii) jiġu ssodisfati:

(i) ġiet imposta penali finanzjarja;

(ii) kull deċiżjoni li timponi penali finanzjarja kienet notifikata lill-kontroparti;

(b) il-perjodu ta' 12-il xahar imsemmi fil-punt (a) għandu jiġi kkalkulat mid-data tan-notifika tal-ewwel okkażjoni ta' nuqqas ta' konformità ma' obbligu tal-istess tip kif imsemmi fl-Artikolu 154(1), il-punt (a) jew il-punt (b), kif applikabbli. L-ewwel okkażjoni awtorapportata ta' nuqqas ta' konformità kif deskritt fl-Artikolu 155(2) li sseħħ fil-perjodu rilevanti ta' 12-il xahar ma għandhiex tingħadd bħala okkażjoni ta' nuqqas ta' konformità.

2. Kwalunkwe sospensjoni imposta mill-Eurosistema skont il-paragrafu 1 għandha tapplika fir-rigward ta' kull operazzjoni tas-suq miftuħ sussegwenti li hija tal-istess tip bħall-operazzjoni tas-suq miftuħ li wasslet biex tiġi imposta penali finanzjarja kif imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Il-perjodu ta' sospensjoni impost skont il-paragrafu 1 għandu jkun determinat skont l-Anness VII.

4. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità minn kontroparti ma' obbligu tal-istess tip kif imsemmi fl-Artikolu 154(1), il-punt (c), għandu japplika dan li ġej:

(a) l-Eurosistema tista' tissospendi l-kontroparti fit-tielet u f'kull okkażjoni sussegwenti ta' nuqqas ta' konformità fi żmien perjodu ta' 12-il xahar jekk fir-rigward ta' kull okkażjoni bħal din ta' nuqqas ta' konformità ż-żewġ kundizzjonijiet (i) u (ii) jiġu ssodisfati:

(i) ġiet imposta penali finanzjarja;

(ii) kull deċiżjoni li timponi penali finanzjarja kienet notifikata lill-kontroparti;

(b) il-perjodu ta' 12-il xahar imsemmi fil-punt (a) għandu jiġi kkalkulat mid-data tan-notifika tal-ewwel okkażjoni ta' nuqqas ta' konformità ma' obbligu tal-istess tip kif imsemmi fl-Artikolu 154(1), il-punt (c). L-ewwel okkażjoni awtorapportata ta' nuqqas ta' konformità kif deskritt fl-Artikolu 155(2) li sseħħ fil-perjodu rilevanti ta' 12-il xahar ma għandhiex tingħadd bħala okkażjoni ta' nuqqas ta' konformità.

(c) kwalunkwe sospensjoni imposta skont il-punt (a) għandha tapplika għall-ewwel operazzjoni ta' suq miftuħ li tipprovdi likwidità fil-perjodu ta' żamma tar-riżerva wara n-notifika tas-sospensjoni.

5. F'każijiet eċċezzjonali, l-Eurosistema tista' tissospendi kontroparti għal perijodu ta' tliet xhur fir-rigward tal-operazzjonijiet futuri kollha tal-politika monetarja tal-Eurosistema fil-każ ta' kwalunkwe okkażjoni ta' nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 154(1). F'dan il-każ, l-Eurosistema għandha tikkunsidra s-serjetà tal-każ u, b'mod partikolari, għall-ammonti involuti u għall-frekwenza u d-dewmien tan-nuqqas ta' konformità.";

(32) l-Artikolu 157 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 157*

Applikazzjoni ta' penali mhux finanzjarja għal fergħat għal nuqqas ta' konformità ma' ċerti regoli operazzjonali

Meta l-Eurosistema tissospendi kontroparti skont l-Artikolu 156(5), dik is-sospensjoni tista' tiġi applikata wkoll għall-fergħat ta' dik il-kontroparti stabbiliti fi Stati Membri oħra li l-munita tagħhom hija l-euro.";

(33) l-Artikolu 158 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, ir-raba' sentenza, "jew" hija sostitwita bi "kwalunkwe"

(b) fil-paragrafu 2, għandu jiddaħħal il-punt (-a) li ġej:

"(-a) ma jkun hemm l-ebda prospett ta' restawr f'waqtu tal-konformità mill-kontroparti mar-rekwiżiti ta' fondi proprji rilevanti;";

(c) fil-paragrafu 3, jiżdied is-sottoparagrafu li ġej:

"Fil-każ ta' dewmien fl-għoti ta' informazzjoni rilevanti għal perjodu ta' referenza speċifiku li tirriżulta minn avvenimenti barra mill-kontroll tal-kontroparti, l-iskadenzi ta' tmiem it-trimestru tar-rapportar rilevanti fir-rigward tat-trimestru speċifiku għandhom jiġu estiżi kif ġej:

(a) bi tmien ġimgħat għal kontropartijiet li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà skont l-Artikolu 55, il-punt (b)(i) jew (ii), jew

(b) bi ħmistax għal kontropartijiet imsemmija fl-Artikolu 55, il-punt (b)(iii).";

(d) jiddaħħlu l-paragrafi 4a u 4b li ġejjin:

"4a. Għall-kontropartijiet imsemmija fil-paragrafu 4, l-Eurosistema għandha tneħħi l-limitazzjoni fuq l-aċċess għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema b'maturità standard ta' ġimgħa jew iqsar, inkluż f'każijiet fejn il-kalendarju indikattiv għal dawn l-operazzjonijiet jipprovdi għal maturità estiża b'mod eċċezzjonali. It-tneħħija tal-limitazzjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' negozju wara l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni jew azzjoni ta' riżoluzzjoni, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun infurmat lill-Eurosistema dwar ir-riżoluzzjoni li jmiss mhux aktar tard minn 48 siegħa qabel il-jum tax-xogħol li fih il-limitazzjoni għall-aċċess hija mistennija li titneħħa;

(b) l-awtorità tar-riżoluzzjoni tkun ikkonfermat bil-miktub:

(i) l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 jew l-azzjoni ta' riżoluzzjoni skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59/UE;

(ii) li l-iskema ta' riżoluzzjoni jew l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tkun daħlet fis-seħħ, fejn applikabbli skont l-Artikolu 18(7) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014;

(c) l-iskema ta' riżoluzzjoni jew l-azzjoni ta' riżoluzzjoni ma tipprevedix l-implimentazzjoni tal-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta l-Artikolu 40 tad-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tal-kontroparti limitata;

(d) l-awtorità kompetenti tkun ikkonfermat bil-miktub li, wara l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni jew l-azzjoni ta' riżoluzzjoni, il-kontroparti msemmija fil-paragrafu 4 tikkonforma mar-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi individwali u/jew konsolidata, filwaqt li jitqiesu l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-iskema ta' riżoluzzjoni jew l-azzjoni ta' riżoluzzjoni.

Fil-każ ta' dewmien mill-awtorità kompetenti jew ta' riżoluzzjoni biex tissodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d), it-tneħħija tal-limitazzjoni tista' tidħol fis-seħħ b'dewmien korrispondenti.

L-Eurosistema tista' tneħħi l-limitazzjoni b'mod sħiħ meta l-awtorità kompetenti tipprovdi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 55a(1) u sakemm il-kontroparti tkun finanzjarjament soda skont l-Artikolu 55(c).

Meta l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 55a(1) ma tiġix ipprovduta mill-awtorità kompetenti fi żmien 12-il ġimgħa wara l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni jew l-azzjoni ta' riżoluzzjoni, l-Eurosistema għandha tillimita l-aċċess tal-kontroparti għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema għal raġunijiet ta' prudenza.

4b. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' miżuri ta' kontroll tar-riskju skont l-Artikolu 128(2), l-Eurosistema tista' tapplika kwalunkwe mill-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 2, il-punt (80a), fir-rigward ta' kontroparti msemmija fil-paragrafu 4 wara t-tneħħija tal-limitazzjoni msemmija fil-paragrafu 4a.":

(e) jiżdied il-paragrafu 7a li ġej:

"7a. Il-miżuri diskrezzjonali li l-Eurosistema tista' tieħu għal raġunijiet ta' prudenza msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu bbażati fuq kwalunkwe informazzjoni li tqajjem tħassib sostanzjali dwar is-soliditá finanzjarja tal-kontroparti.";

(34) l-Annessi II, VII u VIII huma emendati skont l-Anness I għal din il-Linja Gwida;

(35) it-test stabbilit fl-Anness II għal din il-Linja Gwida jiddaħħal bħala Anness XIIb ġdid.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-BĊNi.

2. Il-BĊNi għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida u japplikawhom mit-30 ta' Marzu 2026. Huma għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bit-testi u l-mezzi relatati ma' dawk il-miżuri sa mhux aktar tard mill-4 ta' Marzu 2026.

Artikolu 3

Destinatarji

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-22 ta' Jannar 2026.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNESS I

L-Annessi II, VII u VIII għal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness II, jiżded il-ount (v) li ġej:

"(v) jekk l-offerta ssirx b'allokazzjoni sħiħa, jekk applikabbli.";

(2) l-Anness VII huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS VII*

KALKOLU TA' SANZJONIJIET LI GĦANDHOM JIĠU APPLIKATI B'KONFORMITÀ MA' PARTI ĦAMSA U PENALITAJIET FINANZJARJI LI GĦANDHOM JIĠU APPLIKATI SKONT IL-PARTI SEBGĦA

I. KALKOLU TA' PENALITAJIET FINANZJARJI LI GĦANDHOM JIĠU APPLIKATI SKONT IL-PARTI ĦAMSA

1. Meta penali finanzjarja għandha tiġi imposta minn bank ċentrali nazzjonali (BĊN) fuq kwalunkwe waħda mill-kontropartijiet tiegħu skont il-Parti Ħamsa, il-BĊN jikkalkula l-ammont varjabbli tal-penali skont rata ta' penali speċifikata minn qabel, kif ġej.

(a) Għal nuqqas ta' konformità ma' obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1), il-punt (a), il-punt (b), jew il-punt (c), l-ammont varjabbli ta' penali finanzjarja jiġi kkalkulat bl-użu tar-rata tal-faċilità ta' self marġinali li kienet tapplika fil-jum meta beda n-nuqqas ta' konformità flimkien ma' 2,5 punti perċentwali.

(b) Għal nuqqas ta' konformità ma' obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1), il-punt (d), jew il-punt (e), l-ammont varjabbli ta' penali finanzjarja tiġi kkalkulata bl-użu tar-rata tal-faċilità ta' self marġinali li kienet tapplika fil-jum meta beda n-nuqqas ta' konformità flimkien ma' 5 punti perċentwali. Għal ksur ripetut tal-obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1), il-punt (d), jew tal-obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1), il-punt (e), f'perijodu ta' 12-il xahar, li jibda mill-jum tal-ewwel nuqqas ta' konformità, ir-rata tal-penali tiżdied bi 2,5 punti perċentwali għal kull okkażjoni ta' nuqqas ta' konformità.

2. Għan-nuqqas ta' konformità ma' obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1), il-punt (a), jew fil-punt (b), l-ammont varjabbli ta' penali finanzjarja jiġi kkalkolat billi tiġi applikata r-rata ta' penali, iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (a), għall-ammont ta' kollateral jew flus li l-kontroparti ma setgħetx tikkonsenja jew issalda, immultiplikat bil-koeffiċjent X/360, fejn X huwa n-numru ta' jiem kalendarji, b'massimu ta' sebgħa, li matulhom il-kontroparti ma setgħetx tikkollateralizza jew tissalda: (a) l-ammont allokat kif speċifikat fiċ-ċertifikazzjoni tar-riżultati tal-allokazzjoni individwali tal-offerti matul il-maturità ta' operazzjoni; jew (b) l-ammont li jifdal ta' operazzjoni partikolari jekk ikun hemm terminazzjonijiet bikrija eżegwiti minn BĊN matul il-bqija tat-terminu tal-operazzjoni.

3. Għan-nuqqas ta' konformità ma' obbligu msemmi fl-Artikolu 154(1), il-punt (c), l-ammont varjabbli ta' penali finanzjarja jiġi kkalkulat fir-rigward ta' kull assi affettwat bl-applikazzjoni tar-rata ta' penali, iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (a), għall-valur wara l-haircuts u, kif applikabbli, il-fattur klimatiku tal-assi ineliġibbli jew tal-assi li ma jistax jiġi mobilizzat jew użat mill-kontroparti, kif ġej:

(a) fil-każ ta' assi ineliġibbli li jiġu pprovduti mill-kontroparti lil BĊN, jitqies il-valur tal-assi ineliġibbli wara l-haircuts u, kif applikabbli, il-fattur klimatiku; jew

(b) fil-każ ta' assi negozjabbli li kien oriġinarjament eliġibbli iżda li sar ineliġibbli jew ma jistax jibqa' jiġi mobilizzat jew użat mill-kontroparti, il-valur wara li jitqiesu l-haircuts u, kif applikabbli, il-fattur klimatiku, tal-assi li ma jkunx tneħħa sal-bidu tat-tmien jum kalendarju, wara avveniment li warajh l-assi eliġibbli saru ineliġibbli jew ma jistgħux jibqgħu jiġu mobilizzati jew użati mill-kontroparti.

4. L-ammonti msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (a), u l-punt (b), huma mmultiplikati bil-koeffiċjent X/360, fejn X huwa n-numru ta' jiem kalendarji, b'massimu ta' sebgħa, li matulhom il-kontroparti naqset milli tikkonforma mal-obbligi tagħha fir-rigward tal-użu tal-assi sottomessi bħala kollateral għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema. Fil-każ tal-paragrafu 3, il-punt (b), il-kalkolu ta' X jibda wara l-iskadenza tal-perjodu ta' grazzja ta' sebat ijiem kalendarji.

*[EUR [valur ta' assi ineliġibbli wara haircuts (u, kif applikabbli, il-fattur klimatiku) fl-ewwel jum tan-nuqqas ta' konformità] * (ir-rata tal-faċilità ta' self marġinali applikabbli fil-jum meta beda n-nuqqas ta' konformità + 2,5 %) * [X]/360 = EUR […]]*

5. Għal nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 154(1), il-punt (c), li jirriżulta meta jinqabeż il-limitu għas-sottomissjoni jew l-użu ta' strumenti ta' dejn mhux garantiti maħruġa minn istituzzjoni ta' kreditu jew l-entitajiet marbuta mill-qrib tagħha kif stabbilit fl-Artikolu 141 (minn hawn 'il quddiem, 'ksur tal-limitu'), l-applikazzjoni ta' perjodu ta' konċessjoni tiġi ddeterminata kif ġej:

   (a) Japplika perjodu ta' konċessjoni ta' sebat ijiem kalendarji jekk il-ksur rriżulta minn bidla fil-valutazzjoni wara haircuts u, kif applikabbli, il-fattur klimatiku, mingħajr sottomissjoni ta' tali strumenti ta' dejn mhux garantiti u mingħajr it-tneħħija ta' assi (inkluż assi li mmaturaw) mill-aggregat ta' kollateral totali fuq il-bażi ta' dan li ġej:

      (i) żdied il-valur ta' dawk l-istrumenti ta' dejn mhux garantiti diġà sottomessi; jew

      (ii) il-valur totali tal-aggregat kollaterali totali naqas.

      F'dawn il-każijiet il-kontroparti hija meħtieġa li taġġusta l-valur tal-aggregat tal-kollateral totali tagħha u/jew il-valur ta' dawn l-istrumenti ta' dejn mhux garantiti fil-perjodu ta' konċessjoni, biex tiġi żgurata l-konformità mal-limitu applikabbli.

   (b) Is-sottomissjoni ta' strumenti ta' dejn addizzjonali mhux garantiti maħruġa minn istituzzjoni ta' kreditu jew l-entitajiet marbuta mill-qrib tagħha li jiksru l-limitu applikabbli ma tintitolax lill-kontroparti għal perjodu ta' konċessjoni.

6. Jekk il-kontroparti tkun ipprovdiet informazzjoni li taffettwa l-valur tal-kollateral tagħha b'mod negattiv mill-perspettiva tal-Eurosistema fir-rigward tal-Artikolu 145(4), eż. informazzjoni skorretta fuq l-ammont pendenti ta' talba ta' kreditu użata li hija jew kienet falza jew skaduta, jew jekk il-kontroparti tonqos milli tipprovdi informazzjoni fiż-żmien kif meħtieġ skont l-Artikolu 101, il-punt (a)(iv), l-ammont (valur) tal-kollateral li ġie affettwat b'mod negattiv jittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-penali finanzjarja skont il-paragrafu 3 u l-ebda perijodu ta' konċessjoni ma jkun applikabbli. Jekk l-informazzjoni skorretta tiġi kkoreġuta fil-perjodu ta' notifika, pereżempju għal talbiet ta' kreditu matul il-jum tan-negozju li jmiss bis-saħħa tal-Artikolu 109(2) m'għandha tiġi applikata l-ebda penali.

7. Għal nuqqas ta' konformità mal-obbligi msemmijin fl-Artikolu 154(1), il-punt (d), jew il-punt (e), l-ammont varjabbli ta' penali finanzjarja jiġi kkalkulat bl-applikazzjoni tar-rata tal-penali, skont il-paragrafu 1, il-punt (b), sal-ammont tal-aċċess mhux awtorizzat tal-kontroparti għall-faċilità tas-self marġinali jew kreditu mhux imħallas mill-Eurosistema.

II. KALKOLU TA' PENALITAJIET MHUX FINANZJARJI LI GĦANDHOM JIĠU IMPOSTI SKONT IL-PARTI ĦAMSA

Sospensjoni għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi msemmija fl-Artikolu 154(1), il-punt (a), jew il-punt (b)

9. Fejn japplika perjodu ta' sospensjoni skont l-Artikolu 156(1), BĊN jimponi s-sospensjoni skont ir-regoli li ġejjin:

   (a) jekk l-ammont ta' kollateral mhux kkunsinjat jew flus kontanti huwa sa 40 % tal-kollateral totali jew flus kontanti li għandhom jiġu kkunsinjati, tapplika sospensjoni ta' xahar;

   (b) jekk l-ammont ta' kollateral mhux kkunsinjat jew flus kontanti jkun bejn 40 % u 80 % tal-kollateral jew flus kontanti totali li għandhom jiġu kkunsinjati, tapplika sospensjoni ta' xahrejn;

   (c) jekk l-ammont ta' kollateral mhux kkunsinjat jew flus kontanti huwa bejn 80 % u 100 % tal-kollateral totali jew flus kontanti li għandhom jiġu kkunsinjati, tapplika sospensjoni ta' tliet xhur.

III. KALKOLU TA' PENALITAJIET FINANZJARJI LI GĦANDHOM JIĠU IMPOSTI SKONT IL-PARTI SEBGĦA

1. Il-BĊNi jikkalkolaw il-penali finanzjarja li għandha tiġi applikata skont l-Artikolu 166(4a) f'konformità mar-regoli li ġejjin:

   (a) Għal nuqqas ta' konformità ma' obbligu msemmi fl-Artikolu 166(4a), il-penali finanzjarja tiġi kkalkulata bl-użu tar-rata tal-faċilità ta' self marġinali li kienet tapplika fil-jum meta beda n-nuqqas ta' konformità flimkien ma' 2,5 punti perċentwali.

(b) Il-penali finanzjarja hija kkalkulata billi tiġi applikata r-rata tal-penali, stabbilita f'konformità mal-paragrafu (a), sal-ammont ta' flus kontanti li l-kontroparti ma setgħetx tirrimborsa jew tħallas, jew sal-valur tal-assi li ma ġewx ikkunsinjati, immultiplikat bil-koeffiċjenti X/360, fejn X huwa n-numru ta' jiem kalendarji, b'massimu ta' sebgħa, li matulu l-kontroparti ma setgħetx: (i) tirrimborsa xi ammont tal-kreditu, tħallas il-prezz tar-riakkwist jew il-flus kontanti dovuti mod ieħor; jew (ii) tikkonsenja l-assi meta jimmaturaw jew meta jkunu dovuti mod ieħor skont l-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji.

2. Il-formula li ġejja għandha tintuża għall-kalkolu tal-penali finanzjarja skont il-paragrafu 1, il-punt (a), u l-punt (b):

*[EUR [ammont ta' flus kontanti li l-kontroparti ma setgħetx tirrimborża jew tħallas, jew valur tal-assi li l-kontroparti ma setgħetx tikkonsenja] * (ir-rata tal-faċilità ta' self marġinali applikabbli fil-jum meta beda n-nuqqas ta' konformità flimkien ma' 2,5 punti perċentwali) * [X]/360 (fejn X huwa n-numru ta' jiem kalendarji li matulhom il-kontroparti ma ħallsitx, ma rrimborsatx jew ma kkonsenjatx) = EUR […]].";*

(3) l-Anness VIII huwa mħassar.

ANNESS II

Jiddaħħal l-Anness XIIb il-ġdid li ġej:

"*ANNESS XIIB*

DETERMINAZZJONI TA' FATTURI KLIMATIĊI APPLIKABBLI GĦAL ASSI NEGOZJABBLI GĦALL-MITIGAZZJONI TA' INĊERTEZZI KLIMATIĊI RELATATI MA' TRANŻIZZJONI

1. Il-fattur klimatiku msemmi fl-Artikolu 128(1), il-punt (e), ta' din il-Linja Gwida japplika għal strumenti ta dejn negozjabbli maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji u l-gruppi korporattivi emittenti rispettivi tagħhom, bl-eċċezzjoni ta':

   (a) strument ta' dejn maħruġa minn aġenżiji kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (2);

   (b) strumenti ta' dejn maħruġa minn entitajiet ta' stralċ kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (99a);

   (c) strumenti ta dejn li għalihom il-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu hija bbażata fuq l-Artikoli 87(2), il-punti (a) u (b); u

   (d) strumenti ta dejn maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu fi ħdan il-grupp korporattiv emittent.

2. Għal kull assi *i*, ta' korporazzjoni *j* fis-settur *s*, marka li tivvaluta s-sensittività tiegħu għall-inċertezzi klimatiċi relatati ma' tranżizzjoni (il-'marka ta' inċertezza') hija kkalkulata bl-użu ta' din il-formola:

$$u_{i,j,s} = V_i \times E_j \times S_s$$

   bil-varjabbli li ġejjin:

   (a) stressor speċifiku għas-settur S_s li jirriżulta miż-żieda aggregata fil-livell tas-settur fin-nuqqas mistenni f'xenarju ta' tranżizzjoni avvers relattiv għal xenarju ta' bażi tal-aħħar test tal-istress klimatiku tal-Eurosistema disponibbli. Din il-metrika hija l-istess għall-assi kollha maħruġa minn entitajiet fi ħdan settur speċifiku;

   (b) skopertura speċifika għas-settur E_j bbażata fuq l-invers tal-'marka klimatika' skont il-Programm ta' Xiri mis-Settur Korporattiv kif stabbilit fl-Anness għad-Deċiżjoni (UE) 2016/948 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/16) (*). Din il-metrika hija l-istess għall-assi kollha maħruġa mill-istess entità;

   (c) vulnerabbilità speċifika għas-settur ugwali għall-għerq kwadrat tal-maturità residwali tal-assi. Din il-metrika hija speċifika għal kull assi.

3. Il-marka tal-inċertezza għal kull assi hija mibdula f' 'fattur klimatiku' (CF) għal kull assi, bl-użu ta' din il-formola:

$$CF(u_{i,j,s}) = a + (1-a)\frac{1}{e^{u_{i,j,s} \times b}}$$

   biż-żewġ parametri li ġejjin:

   (a) parametru $\underline{a}$ huwa stabbilit mill-Kunsill Governattiv u infurmat b'mod partikolari min-nuqas aggregat mistenni matul is-setturi kollha f'xenarju ta' tranżizzjoni avvers relattiv għal xenarju ta' bażi tal-aħħar test tal-istress klimatiku tal-Eurosistema disponibli;

   (b) parametru $\underline{b}$ huwa stabbilit mill-Kunsill Governattiv u infurmat b'mod partikolari mill-marka ta' inċertezza medjana $\overline{u}$ tul l-assi kollha li huma soġġetti għall-fattur klimatiku bl-użu ta' din il-formola logaritmika naturali:

$$b = \ln\left(1 + \frac{1}{\overline{u}}\right).$$

   (c) Parametri *a* u *b* huma ugwali għall-assi kollha soġġetti għal fatturi klimatiċi.L-ogħla fattur klimatiku possibbli huwa wieħed mill-assi bil-marka ta' inċertezza l-aktar baxxa, filwaqt li l-fattur klimatiċi l-aktar baxx possibbli huwa ugwali għal *a* għal assi bl-ogħla marka ta' inċertezza.

4. Il-valur kollaterali ta' kull assi, jew l-ammont ta' kreditu li jista' jingħata kontra l-assi pprovdut minn kontropoarti, huwa kkalkulat billi jiġi mmultiplikat il-valur tiegħu, aġġustat għall-haircuts, u kif applikabbli, mill-fattur klimatiku korrispondenti.

5. Il-marka ta' inċertezza u l-fattur klimatiku applikabbli għal kull assi jiġu aġġornati kull sena. Assi li jsiru eliġibbli bejn żewġ aġġornamenti annwali jiġu assenjati inizjalment fattur klimatiku medjan bl-użu tal-formula li ġejja:

$$CF(u_{i,j,s}) = \begin{cases} \overline{CF}_b, \textit{ jekk l-assi huwa bond} \\ \overline{CF}_{mtn}, \textit{ jekk l-assi huwa fuq terminu medju} \\ \overline{CF}_{cp}, \textit{ jekk l-assi huwa karta kummerċjali} \end{cases},$$

fejn $\overline{CF}_b$ hija l-fattur klimatiku medjan l-aktar aġġornat tul l-bonds kollha li għalihom fattur klimatiku ġie kkalkulat fl-aħħar aġġornament, $\overline{u}_{mtn}$ huwa l-fattur medjan l-aktar reċenti tul in-noti kollha fuq terminu medju li għalihom ġie kkalkulat fattur klimatiku fl-aħħar aġġornament annwali, u $\overline{u}_{cp}$ huwa l-fattur klimatiku medjan l-aktar reċenti fil-karti kummerċjali kollha li għalihom fattur klimatiku ġie kkalkulat fl-aħħar aġġornament annwali. Dan il-fattur klimatiku huwa applikabbli sal-aġġornament annwali li jkun imiss tal-marki ta' inċertezza u l-fattur klimatiku.

(*) Id-Deċiżjoni (UE) 2016/948 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' xiri mis-settur korporattiv (BĊE/2016/16) (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2016/948/oj).".